MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2008

Avviz Numru. 157/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Antoine Hili [I.D. nru. 336773 M)]**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-bank attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, disa’ mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€2,923.78) ekwivalenti ghall-elf, mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1,255.18) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1 sa A3”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Marzu 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament, liema *loan* gie moghti lill-konvenut permezz ta’ skrittura privata datata fit-28 ta’ Lulju 2000 (Dok ‘B’).
U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe’ Dok “B” partikolarment, imma mhux esklussivament,

billi l-konvenut Antoine Hili (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopra indikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fil-11 ta' Dicembru 2007 (Dok "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-bank attur fil-kawza wiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fid-19 ta' Gunju, 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-bank attur bl-ispejjez kontra l-konvenut fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------